MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2012

Numru 732/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**

**vs**

**DAVID GEORGE CARABOTT**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom David George Carabott ta’ 44 sena, bin George u Pauline nee’ Saliba, imwieled Melbourne, Australia fit-18 ta’ Mejju 1968 u joqghod f’DavMar House, Barthelemy Street, Marsaxlokk, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 414884(M).

Billi gie akkuzat talli f’xi granet, bejn Settembru 2010 u Gunju 2012 b’diversi atti maghmulin minnu li jiksru l-istess

dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula d'rizoluzzjoni wahda;

1) talli bhala ufficjal jew impjegat pubbliku illi, ghal xi vantagg privat tieghu jew ghall-beneficcju ta' xi persuna jew entita ohra, ghamel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi kienu gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu, jew seraqhom.

2) approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' hlas ta' korsijiet tal-isports li hu gabar f'isem il-Kunsill Malti ghall-Isports, b'ammont li jeccedi l-€2,329.27;

3) talli kkommetta serq ghad-dannu tal-Kunsill Malti ghall-Isports u d-Dipartiment tal-Edukazzjoni, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-€2,329.37, u bil-persuna;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' sejbien ta' htija, barra illi tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tapplika wkoll l-interdizzjoni generali,  skond l-artikolu 10 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-ewwel 1) akkuza u t-tieni 2) akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-ewwel 1) akkuza u t-tieni 2) akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li t-tielet 3) akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda serq aggravat inghatat bhala akkuza

alternattiva ghat-tieni 2) akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda misapproprjazzjoni u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tielet 3) akkuza migjuba kontra l-imputat.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat iddikjara li qieghed jobbliga ruhu li fi zmien sitt (6) xhur millum ihallas lill-Kunsill Malti ghall-Isports is-somma ta' €13272.50, liema somma hija maqbula bejn il-Prosekuzzjoni, id-Difiza u l-parte civile.

Inoltre innutat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u inoltre iddikjara li qieghed jirrimetti ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 10, 17, 18, 127, 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat David George Carabott, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel 1) akkuza u t-tieni 2) akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, l-fedina penali netta tal-imputat u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat David George Carabott ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat David George Carabott jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward it-tielet 3) akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda serq aggravat, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum dwar din l-imsemmija tielet 3) akkuza fil-konfront tal-imputat kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imsemmija tielet 3) akkuza migjuba kontra l-imputat.

Inoltre, il-Qorti, a tenur tal-artikolu 10 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda timponi fuq l-imputat David George Carabott interdizzjoni generali u dan ghal zmien hames (5) snin millum.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat David George Carabott l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment, il-Qorti, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li kopja ta' din is-Sentenza flimkien mal-atti kollha ta' dan il-Procediment jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------